MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Diċembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1933/2000/1

**CARMELO CARUANA COMPANY LIMITED**

vs

**J & R VASSALLO LIMITED**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-22 ta' Settembru, 2000, bil-proċedura sommarja speċjali li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet;

Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' elf u wieħed u sittin Lira Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm1061.80) ammont dovut bħala ħlas għal servizzi reżi lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' attriċi;

Illi nonostante li s-soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata biex tħallas l-istess ammont diversi drabi hija baqgħet inadempjenti;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-Liġi a tenur tal-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta stante li d-dejn huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u s-soċjeta’ konvenuta m’għandiex eċċezzjonijiet x’tagħti kontra t-talba tal-ħlas tal-istess dejn u l-attur noe qiegħed jannetti ma’ dan l-att affidavit skond l-artikoli fuq imsemmija (Dok A)

Għaldaqstant, is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża skond l-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut noe iħallas lis-soċjeta’ attriċi is-somma ta’ elf u wieħed u sittin Lira Maltin u tmenin ċenteżmu (Lm1061.80);

Bl-ispejjeż u bl-interessi kontra s-soċjeta’ konvenuta li minn issa qed tiġi nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mad-dokument u mal-affidavit mehmużin magħha;

Rat id-degriet[1] tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta’ Novembru, 2000, li bih tat lill-kumpannija mħarrka l-jedd li titħalla tikkontesta l-kawża;

Rat in-Nota mressqa fis-27 ta’ Novembru, 2000, li bih il-kumpannija mħarrka eċċepiet;

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

[1] Paġ. 25 tal-proċess

2. Illi l-ammont indikat mill-atturi qatt ma kien dovut anzi jingħad li l-konvenuti kienu ħallsu kull ammont talvolta dovut lill-atturi.

3. Illi għalhekk ebda ammont ma hu dovut lill-atturi u dan jista' jiġi ippruvat permezz ta' dokumenti.

4. Qed jiġu anness is-segwenti dokumenti:

Dok A il-kont orġinali ta' Lm1208.20 li ġie imħallas
Dok B il-kont ta' Lm2731.14 kif miżjud unilateralment mill-atturi.
Dok C Messaġġ E-Mail ta' Navispain (prinċipali tal-atturi) bih huma indikaw li kellu jsir rimbors ta' 3555 USD – dan tħallas ukoll mill-konvenuti. Oltre dak ġie mħallas ebda ammont ieħor ma hu dovut
Dok D Jindika kont ta' USD 40 u USD 275 mibgħut mill-atturi
Dok E Jindika li dak kwotat bħala USD 275 f'dok D kellu jkun USD 93
Dok F Jindika x'ġew mitluba jħallsu mill-konvenuti, mill-aġent tagħhom

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka, flimkien mas-seba' (7) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-degriet tal-1 ta' Ġunju, 2001[2], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mogħtija quddiem l-imsemmija Assistent Ġudizzjarju;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avuka tal-kumpannija attriċi[3];

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2004[4], li bih tat lill-kupannija mħarrka żmien biex tressaq Nota ta'

[2] Paġ. 30 tal-proċess
[3] Traskritta f'paġġ. 78 sa 82 tal-proċess
[4] Paġ. 77 tal-proċess

Sottomissjonijiet bi tweġiba għas-sottomissjonijiet magħmula fit-trattazzjoni mill-għaref avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-5 t'Awissu, 2004[5];
Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha tal-10 ta'Ġunju, 2004, tal-4 ta' Novembru, 2004, u tat-18 ta' Novembru, 2004, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' servizzi ta' ġarr ta' merkanzija miġjuba f'Malta bil-baħar minn barra u mgħoddija lill-kumpannija mħarrka f'Lulju u f'Novembru tal-1999;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka tilqa' billi tgħid li hija ħallset kulma kien minnha dovut;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-kumpannija attriċi ħadet ħsieb iġġorr merkanzija li tniżżlet f'Malta minn fuq il-vapur *Norasia Sharjah* fl-20 ta' Lulju, 1999[6], u mgħoddija lill-kumpannija mħarrka l-għada. Dik il-merkanzija ta' "*covers*"[7] tgħabbiet fuq l-imsemmi vapur skond polza ta' tagħbija tal-15 ta' Lulju, 1999[8], fil-port ta' Barċellona fi Spanja. Fit-23 ta' Novembru tal-istess sena, wasal f'Malta[9] il-bastiment *Ville de Capella* li baħħar fis-16 ta' Novembru, 1999, ukoll mill-port ta' Barċellona. Abbord kien hemm tliet (3) *containers* mgħobbijin b'*white goods*. Dawn ġew mgħoddija lill-kumpannija mħarrka fl-24 ta' Novembru, 1999;

---

[5] Paġġ. 85-6 tal-proċess
[6] Dok "KN2", f'paġ. 33 tal-proċess
[7] Dok "KN4", f'paġ. 35 tal-proċess
[8] Dok KN3, f'paġ. 34 tal-proċess
[9] Dokti "B" u "KN7", f'paġġ. 18 u 39 tal-proċess

Illi l-ammont ta' servizz fatturat mill-kumpannija attriċi dwar l-ewwel konsenja kien ta' Lm 138.62, filwaqt li l-ammont fatturat dwar it-tieni konsenja kien ta' Lm 2731.14. Il-kumpannija attriċi ħarġet "*notice of arrival*" fit-23 ta' Novembru, 1999[10], dwar it-tieni konsenja, għall-ammont ta' Lm 1208.20. Dan l-ammont tħallas mill-kumpannija mħarrka dak inhar, u ngħatat riċevuta bħala ħlas akkont[11]. Il-kumpannija mħarrka wettqet ħlas ieħor lill-kumpannija attriċi Lm 599.76 u ngħatat riċevuta fis-17 t'April, 2000[12];

Illi minn dawn iċ-ċirkostanzi joħroġ li l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' dritt li jsawru dan il-każ</u> jinżlu għal kwestjoni ta' sempliċi apprezzament ta' provi. L-ebda parti ma tmieri l-provi dokumentali mressqa mill-parti l-oħra. Hija t-tifsira li qegħda tingħata lill-istess dokumenti li qegħda twassal biex f'dan il-każ ikollha tingħata sentenza. L-aspett legali wieħed li jrid jissemma, madankollu, hu l-piż tal-prova. Dan jingħad għaliex ladarba l-kumpannija mħarrka qegħda teċepixxi l-ħlas, jaqa' fuqha l-piż li tiġġustifika din l-allegazzjoni;

Illi fl-ewwel lok, il-kumpannija mħarrka ma għamlet l-ebda sottomissjoni dwar l-ewwel fattura – dik fl-ammont ta' Lm 138.62. Lanqas ma indikat x'ħallset minnha jew jekk kinitx fil-fatt qegħda tikkontestaha. La mid-Dikjarazzjoni maħlufa u lanqas mix-xhieda ta' Michael Quattromani (mressaq b'xhud minnha) ma tirriżulta xi prova li twaqqa' l-pretensjoni attriċi, li, min-naħa tagħha, hija dokumentata kif imiss[13];

Illi dwar it-tieni fattura, u kif sewwa irrileva l-għaref difensur tal-kumpannija attriċi waqt it-trattazzjoni tiegħu tal-għeluq, jidher li l-kumpannija mħarrka qegħda tistrieħ fuq dokumenti[14] li ma jistgħux jintużaw b'riferenza għall-konsenja in kwestjoni. Dan għaliex jidher ċar li jirreferu għal dati differenti u wkoll għal bastimenti li ma kinux dak li fil-fatt wassal il-merkanzija f'Malta fit-23 ta' Novembru,

---

[10] Dok "A1", f'paġ. 15 tal-proċess
[11] Dok "A2", f'paġ. 16 tal-proċess
[12] Dok "A3", f'paġ. 17 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Karl Naudi, 15.1.2002, f'paġġ. 43-6 tal-proċess
[14] Dokti "E" u "F", f'paġġ. 23-4 tal-proċess

1999. Il-Qorti jkollha għalhekk tinjorahom bħala provi irrilevanti;

Illi, minbarra dan, għalkemm fl-eċċezzjonijiet tagħha l-kumpannija mħarrka tgħid li l-fattura tat-23 ta' Novembru kienet kont "miżjud unilateralment", l-istess Michael Quattromani[15] jgħid li l-kumpannija mħarrka taċċetta li l-ammont ta' "*advance charges*", "F.I.O.S." u l-"*bunker adjustment factor*" huma dovuti. Dawn huma sewwasew il-partiti li jissemmew fil-fattura kontestata u li, mingħajr ma ngħatat raġuni tajba, l-kumpannija mħarrka jidher li ma sabitx oġġezzjoni li tħallas is-somma ta' Lm 599.76 oħra dwarhom f'April tal-2000. Min-naħa l-oħra, għal darb'oħra jingħad li d-dokumentazzjoni mressqa mill-kumpannija attriċi u t-tifsira mogħtija dwarhom mir-rappreżentant tagħha huma provi ineċċepibbli, li jikkonvinċu lill-Qorti dwar is-sewwa tagħha;

Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, għalhekk, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni** milli tqis l-ewwel talba fid-dawl tad-degriet mogħti fis-27 ta' Novembru, 2000;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas is-somma ta' elf u wieħed u sittin lira Maltija u tmenin ċenteżmi (Lm1061.80) lill-kumpannija attriċi, rappreżentanti l-valur ta' servizzi mwettqin minnha għall-ġarr ta' merkanzija mgħoddija lill-istess kumpannija mħarrka, flimkien ma-ispejjeż tal-kawża u l-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'effett mid-19 ta' Ottubru, 2000, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

---

[15] Xhieda tiegħu 5.12.2002, f'paġ. 59 tal-proċess

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------